MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 520/2005

**Double R Meats Company Limited (C21340)**

**Vs**

**Emmanuel Portelli (ID 708255M)**

**It-Tribunal**

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ tlett mija u hdax-il lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm311.37c) rapprezentanti l-bilanc ta’ prezz ta’ laham mibjugh u kkonsenjat lill-konvenut.
Minkejja li l-konvenut wieghed diversi drabi li kien ser jissalda d-debitu, huwa baqa’ nadempjenti.

Bl-imghax kummercjali mit-8 ta' Frar, 2001 li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz tat-talba flimkien ma' dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju pprezentat ikonguntivament ma' l-Avviz tat-talba.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Paul Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------